**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 80/2015**

**Reverendu Monsinjur Carmelo Zammit**

**vs**

**James u Josephine konjugi Aquilina**

**Illum 22 t'Ottubru, 2015**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk;

1. Illi permezz ta' ftehim ta' lokazzjoni li sar nhar il-31 ta' Marzu, 2015, l-esponenti ikkonceda in lokazzjoni b'effett mid-19 ta' Marzu 2015 lill-intimati, accettanti, il-fond bin-numri wiehed (1) u tnejn (2) fi Triq il-Biccieni kantuniera ma' Triq il-Kbira f'Haz-Zabbar u dan taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm pattwiti u versu l-kera mensili ta' seba' mitt euro (€700) ridotta ghal tliet mitt euro (€300) sakemm l-istess intimati juzaw biss il-kamra laterali kantuniera ma' Triq il-Kbira u l-kuritur li

jwassal ghal-latrina oltre ghall-ispejjez tad-dawl u l-ilma. Kopja ta' din l-iskrittura tinsab annessa u mmarkata 'Dok A';

2. Illi minkejja tali ftehim, l-intimati baqghu moruzi fil-hlas tal-kera tant li sal-lum ma ghamlu l-ebda pagament;

3. Illi rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni, l-esponenti interpella lill-intimati gudizzjarjament u dan b'ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2015, liema ittra giet notifikata nhar it-2 ta' Lulju, 2015, u dan sabiex fi zmien himstax (15)-il jum minn notifika taghha jhallsu s-somma ta' disa' mitt euro (€900) liema somma tirraprezenta l-kera ghall-perjodu mid-19 ta' Marzu 2015 sat-18 ta' Gunju 2015 oltre ghall-ispejjez tad-dawl u ilma li sa fejn jaf l-esponenti sad-data tal-ittra kienu jammontaw ghal erba' u tmenin euro (€84) u ghalhekk flimkien jaghmlu disa' mija u erba' u tmenin euro (€984). Kopja ta' din l-ittra ufficjali tinsab annessa u mmarkata 'Dok B';

4. Illi minkejja dan, l-intimati baqghu moruzi u inadempjenti u ghalhekk bil-prezenti, l-esponenti qieghed jghaddi sabiex jitlob il-hall tal-kuntratt u r-ripreza tal-fond prevja l-izgumbrament tal-intimati;

5. Illi sa fejn jaf l-esponenti, l-intimati m'ghandhomx difiza valida x'jaghti kontra din it-talba u ghal din ir-raguni t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha minghajr ma l-Bord jghaddi ghas-smiegh tal-kawza;

6. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, dan il-Bord, joghogbu, b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Art. 16A tal-Kap. 69 jordna lill-intimati sabiex jizgombraw mill-fond ossia l-hanut bin-numri wiehed (1) u tnejn (2) fi

Triq il-Biccieni kantuniera ma’ Triq il-Kbira f’Haz-Zabbar u dan entro terminu qasir u perentorju li jigi prefiss lilu.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 1471/15 (Dok B) kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni u b’rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Ra illi l-intimati debitament notifikati baqghu ma dehrux biex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b’dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tar-rikorrenti liema fatti huma minnu maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimati m’ghandhom l-ebda opposizzjoni x’jistghu jaghmlu skont il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur